

Brussell, 10 ta' Mejju 2022
(OR. en)

8887/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0139(NLE)

AVIATION 83
RELEX 614
ASIE 22

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Mejju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 194 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 194 final.

Mehmuż: COM(2022) 194 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.5.2022
COM(2022) 194 final

2022/0139 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru bejn
l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni
Ewropea u l-Istati Membri tagħha**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha (CATA UE-ASEAN), ġie nnegożjat mill-Kummissjoni kif awtorizzat bid-deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2016 u tas-26 ta' Mejju 2020.

Is-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tal-ASEAN attwalment joperaw abbażi ta' ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri individwali tal-ASEAN.

Fl-*Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa*¹ tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li “bl-adozzjoni ta' politika esterna ambizzjuża dwar l-avjazzjoni permezz tan-negożjar ta' ftehimiet komprensivi dwar l-avjazzjoni, b'enfasi ċara fuq is-swieq tat-tkabbir, l-UE tista' tikkontribwixxi biex ittejjeb l-aċċess għas-suq u l-oportunitajiet ta' investiment għall-avjazzjoni Ewropea fi swieq barranin importanti, iżżid il-konnettività internazzjonali tal-Ewropa u tiżgura kundizzjonijiet tas-suq ġusti u trasparenti għal-linji tal-ajru tal-UE”. Sabiex jiġu sfruttati dawn il-benefiċċji, il-Kummissjoni rrakkomandat lill-Kunsill jawtorizza l-ftuħ ta' negożjati għal ftehimiet komprensivi dwar it-trasport bl-ajru fil-livell tal-UE ma' għadd ta' pajjiżi u reġjuni, inkluż l-ASEAN. Dan il-Ftehim jimmira b'mod partikolari lejn:

- li jiżgura l-kompetizzjoni ġusta, in-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi ekonomiċi;
- li jiftaħ is-suq b'mod gradwali f'termini tal-aċċess għar-rotot u tal-kapaċità;
- li jsaħħaħ il-konnettività, u b'hekk ikun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u għall-ekonomija.

In-negożjaturi laħqu ftehim dwar l-abbozz tat-test tas-CATA UE-ASEAN fit-2 ta' Ġunju 2021. Il-Ftehim se jidħol fis-seħħ ladarba l-Istati Membri kollha tal-ASEAN, l-Istati Membri kollha tal-UE u l-Unjoni jkunu lestew il-proċessi rispettivi tagħhom ta' ratifika jew ta' approvazzjoni. Madankollu, jista' jidħol fis-seħħ ukoll għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha u għall-Istati Membri kollha tal-ASEAN għajr il-Malażja, jekk il-Malażja tkun l-uniku Stat Membru tal-ASEAN li ma jkunx irratifikah. F'każ bħal dan, il-Ftehim jidħol fis-seħħ anke għall-Malażja ladarba din tal-aħħar tirroratifikah.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Kif imsemmi hawn fuq, il-Ftehim ġie nnegożjat abbażi ta' awtorizzazzjoni mill-Kunsill biex jinfetħu n-negożjati, wara rakkomandazzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni bħala segwitu għall-*Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa* tal-2015.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti — inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur* (COM(2020) 789 final) tappella biex l-Unjoni ssir iċ-ċentru tal-konnettività tad-dinja. Il-Komunikazzjoni tispjega li, sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, “l-iżgurar ta' kompetizzjoni internazzjonali mingħajr distorsjoni, ta' reċiproċità u ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni huma essenzjali”. Il-Komunikazzjoni tkompli bit-tħabbira li “l-Kummissjoni se tkompli wkoll tippromwovi l-użu

¹ *Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa*, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2015) 598 finali, 7.12.2015.

ta' standards tekniċi, soċjali, ambjentali u tal-kompetizzjoni Ewropej [...] fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi individwali li mhumiex tal-UE fil-modalitajiet kollha tat-trasport" u "se tkompli tapprofondixxi r-relazzjonijiet tat-trasport, inkluż ma' sħab strateġiċi ewlenin [...], u se tiżviluppa rabtiet ulterjuri ma' sħab internazzjonali ġodda, bħal ekonomiji b'rata għolja ta' tkabbir u ekonomiji emerġenti".

L-Istati Membri tal-ASEAN huma fost l-iktar ekonomiji li qed jikbru malajr fid-dinja, u flimkien jirrappreżentaw suq ta' iktar minn 650 miljun persuna. Bi 11,2-il miljun passiġġier fl-2019, l-ASEAN kollettivament hija t-13-il ikbar sieħeb tal-avjazzjoni tal-Unjoni, b'potenzjal qawwi li tkompli tikber. Il-ftehimiet bilaterali attwali dwar l-avjazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri individwali tal-ASEAN jipprevedu xi aċċess reċiproku għas-suq, li jibqa' inugwali minn par pajjiżi għal ieħor. Barra minn hekk, dawk il-ftehimiet bilaterali ma għandhomx dispożizzjonijiet adegwati dwar elementi essenzjali biex jiġu evitati l-abbużi ta' suq liberalizzat, bħall-kompetizzjoni ġusta, it-trasparenza jew kwistjonijiet soċjali.

Is-CATA UE-ASEAN jindirizza, fir-rigward tal-ASEAN, l-oġettiv tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti biex l-Unjoni tinbidel fiċ-ċentru tal-konnettività tad-dinja.

Billi jiffaċilita t-tħaddim ta' konnessjonijiet diretti bejn l-UE u l-ASEAN, is-CATA UE-ASEAN se jgħin biex titnaqqas id-dipendenza fuq titjiriet konnessi permezz ta' ċentri f'pajjiżi terzi. Dan mhux biss se jkun ta' benefiċċju għat-trasportaturi tal-Unjoni, iżda se jnaqqas ukoll l-impronta ambjentali ta' vjaġġi individwali bejn l-UE u l-ASEAN, billi jqassar ir-rotot tat-titjiriet u jnaqqas l-għadd ta' operazzjonijiet ta' qtugħ mill-art u ta' llandjar — f'konformità mal-oġettivi tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti u tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *il-Patt Ekoloġiku Ewropew* (COM (2019) 640 final).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-Regolament (UE) 2019/712 dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru jiżgura li kwalunkwe miżura adottata abbażi tiegħu tirrispetta l-obbligi internazzjonali, inkluż dawk ta' dan il-Ftehim.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-arranġamenti eżistenti magħmula bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri individwali tal-ASEAN. Il-Ftehim jistabbilixxi, b'mod simultanju, għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni, kundizzjonijiet ugwali u uniformi għall-aċċess għas-suq, u jstabbilixxi arranġamenti ġodda għall-kooperazzjoni u għall-konverġenza regolatorja bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tal-ASEAN f'oqsma li huma essenzjali għat-tħaddim sikur, sigur u effiċjenti tas-servizzi tal-ajru. Dawn l-arranġamenti jistgħu jinkisbu biss fil-livell tal-Unjoni.

L-oġettivi tal-proposta se jinkisbu aħjar permezz tal-azzjoni tal-Unjoni għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-Ftehim se japplika għas-27 Stat Membru, għaldaqstant, l-istess regoli se japplikaw mingħajr diskriminazzjoni u se jkunu ta' benefiċċju għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom. Jinkludi dispożizzjonijiet komprensivi dwar is-sussidji, il-prattiki kontra l-kompetizzjoni u t-trasparenza, kif ukoll mekkaniżmi robusti biex jinforza dawn id-dispożizzjonijiet, u b'hekk jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għas-servizzi tal-ajru bejn l-UE u l-Istati Membri tal-ASEAN, u bejn l-Unjoni u destinazzjonijiet oħra, operati mill-Istati Membri tal-ASEAN.

Il-Ftehim ikompli jiżgura l-aċċess għall-opportunitajiet kummerċjali għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni, bħal dawk relatati mas-servizzi fuq l-art, il-code-sharing, l-intermodalità u l-possibbiltà li jstabbilixxu l-prezzijiet liberament. Jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar kwistjonijiet soċjali konformi ma' dawk inklużi fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali tal-Unjoni, li jobbligaw lill-Partijiet itejbu l-politiki soċjali u tax-xogħol skont l-impenji internazzjonali tagħhom, b'mod partikolari dawk li jkunu ħadu fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tal-ASEAN biex jiġi minimizzat l-impatt tal-avjazzjoni fuq l-ambjent, u b'mod partikolari fl-indirizzar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati mal-avjazzjoni.

It-trasportaturi tal-ajru se jkunu jistgħu joperaw servizzi tal-passiġġieri u tal-merkanzija liberament minn kwalunkwe punt fl-Unjoni lejn l-Istati Membri tal-ASEAN, fi ħdan il-qafas regolatorju uniku tal-Ftehim, li attwalment mhuwix il-każ. It-trasportaturi tal-ajru se jkunu jistgħu joperaw ukoll servizzi illimitati ta' merkanzija biss lejn punti lil hinn, u servizzi tal-passiġġieri u ta' kombinament lejn punti lil hinn, soġġett għal limitazzjonijiet ta' frekwenza.

It-tneħħija tar-restrizzjonijiet għall-aċċess għas-suq bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tal-ASEAN mhux biss se tattira parteċipanti ġodda fis-suq u se toħloq opportunitajiet biex joperaw lejn ajruporti li mhumiex moqdiya biżżejjed, iżda se tiffaċilita wkoll il-konsolidazzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli.

- **Għażla tal-istrument**

Ftehim internazzjonali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-partijiet ikkonċernati mill-katina tal-valur sħiħa tal-avjazzjoni u s-sħab soċjali, inkluż b'mod partikolari t-trade unions, ġew ikkonsultati wkoll matul in-negożjati. Il-kummenti li saru f'dan il-proċess ġew ikkunsidrati.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

L-Artikolu 2 jirrikjedi li s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ tal-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna jew għall-persuni indikata/i mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 3 japprova żewġ dikjarazzjonijiet, li għandhom isiru f'isem l-Unjoni fl-okkażjoni tal-iffirmar tal-Ftehim, rigward id-dħul fis-seħħ minnufih tal-Ftehim u l-intenzjoni tal-Partijiet li jibqa' jkollhom diskussjonijiet u koordinazzjoni mill-qrib dwar ir-risponsi għal avvenimenti ta' kriżi mhux mistennija bl-objettiv li jittaffa kwalunkwe effett ta' tfixkil fuq is-servizzi tal-ajru, rispettivament.

L-Artikolu 4 jipprevedi d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni proposta.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill awtorizza l-ftuħ tan-negozjati mal-Istati Membri tal-ASEAN dwar il-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha (minn hawn 'il quddiem, il-“Ftehim”).
- (2) Fis-26 ta' Mejju 2020, il-Kunsill estenda b'sena l-awtorizzazzjoni tas-7 ta' Ġunju 2016.
- (3) In-negozjati ġew finalizzati b'suċċess fit-2 ta' Ġunju 2021.
- (4) L-Istati Membri tal-ASEAN huma fost l-iktar ekonomiji li qed jikbru malajr fid-dinja u s-swieq tagħhom għas-servizzi tal-ajru għandhom potenzjal qawwi għal iktar tkabbir. Il-Ftehim għandu l-għan b'mod partikolari li jiżgura kompetizzjoni ġusta bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tal-ASEAN, il-faċilitazzjoni tal-ftuħ gradwali tas-suq, u ż-żieda fl-aċċess għar-rotot u għall-kapaċità, u b'hekk ikun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u għall-ekonomija.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar 'il quddiem.
- (6) Sabiex il-Ftehim iwassal il-benefiċċji sħaħ tiegħu malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li l-Partijiet jikkonkluduh b'mod rapidu. Għal dak l-għan, huwa previst li b'rabta mal-iffirmar tal-Ftehim, il-Partijiet jagħmlu dikjarazzjoni li se jieħdu l-passi kollha meħtieġa f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti applikabbli tagħhom biex idaħħlu fis-seħħ il-Ftehim malajr kemm jista' jkun. Għalhekk, jenħtieġ li d-dikjarazzjoni għal dak l-għan li għandha ssir f'isem l-Unjoni tiġi approvata.
- (7) Barra minn hekk, ir-rispons mhux koordinat tal-pajjiżi madwar id-dinja għall-pandemija tal-COVID-19 kien partikolarment ta' tfixkil għall-industrija tal-avjazzjoni. Sabiex jiġi evitat tfixkil bħal dak f'każ ta' kriżijiet futuri, hemm bżonn koordinazzjoni aħjar bejn l-Unjoni u s-sħab internazzjonali ewlenin. Għalhekk, huwa previst li fl-okkażjoni tal-iffirmar tal-Ftehim, il-Partijiet jagħmlu dikjarazzjoni li tesprimi l-intenzjoni tagħhom li jibqa' jkollhom diskussjonijiet u koordinazzjoni mill-qrib, fi ħdan il-qafas tal-Kumitat Konġunt previst skont il-Ftehim, dwar ir-rispons għal avvenimenti ta' kriżi mhux mistennija, bħall-pandemija tal-COVID-19, bl-oġġettiv li

jittaffew, sa fejn ikun possibbli, l-effetti ta' tfixkil għas-servizzi tal-ajru. Għalhekk, jenħtieġ li d-dikjarazzjoni għal dak l-għan li għandha ssir f'isem l-Unjoni tiġi approvata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan, l-iffirmar tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, huwa approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa memuż mal-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna/i indikata/i mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Id-dikjarazzjonijiet li għandhom isiru f'isem l-Unjoni fl-okkazzjoni tal-iffirmar tal-Ftehim huma b'dan approvati.

It-testi tad-dikjarazzjonijiet huma inklużi fir-Reġistru tad-Dikjarazzjonijiet memuż bħala l-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*